# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Ottubru 2022**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 523/2021 JVC**

**Catherine sive Karen Bugeja (ID. 212360M) bħala mandatarja speċjali għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Peter Lawrence Borg (Passaport ingliż 800730742), Ann Rebecca Borg (Passaport Ingliż 531963592) u Sandra Mary Borg, (Passaport Ingliż 706910326) Raymond Galea (ID. 590430M), Catherine sive Karen Bugeja (ID. 212360M), Gloria Easter (Passaport Malti 881436) residenti barra minn Malta kif debitament rappreżentata**

**minn Lawrence Grech (ID. 308948M), George Gabarretta (Passaport Malti 880953) residenti barra minn Malta kif debitament rappreżentat minn Lawrence Grech (ID. 308948M), David Gabaretta (Passaport Awstraljan: N4187783) residenti barra minn Malta kif debitament rappreżentat minn Lawrence Grech (ID. 308948M), Cyril Gabarretta (ID. 587746M), Marika Gabarretta (ID. 1055548M), Anette Cassar (ID. 715659M), Karol Gabarretta (ID. 0515988M), Adrian Gabarretta (ID. 0009862M), Anthony Debono (ID. 077414M), Joseph Debono (ID. 296549M), Joanna Attard (ID. 579052M), Francis Debono (ID. 0437812L), Paul Debono (ID. 0196459M), Victor Sammut (ID. 122243M), Paul Sammut (ID. 482538M), Marthese Farrugia (ID. 58642M), Carmen Carbonaro (ID. 783645M), Vincenza Sammut (ID. 254747M), Daniel Sammut (ID. 52472M), Samuel Sammut (ID. 537573M), David Sammut (ID. 537473M), Judith Bugeja (ID. 11756M), Albert Cassar (ID. 463867M), Cecilia Zita Muscat (ID. 413561M), Edwina Fabri (ID. 630554M), Joseph Agius Gilbert (Passaport Malti numru: 1126084) kif debitament rapprezentat minn Cecilia Zita Muscat u Edwina**

**Fabri, Christopher Cassar (ID. 657463M), David Joseph Cassar (ID. 641362M) u Michael John Cassar (ID. 349671M), Lawrence Grech (ID. 0308948M), Grace Naudi (ID. 0743852M), Agnes Zammit (ID. 399433M) u b'ordni tal-Qorti datata 25 ta' Novembru 2021 l-atti gew trasfuzi f'isem Oscar Zammit stante li Agnes Zammit mietet fil-mori tal-kawza, Joe Buttigieg (ID. 176635M), Alfred Buttigieg (ID. D086739M), Vincent Ciarlo (ID. 405726M) kif rappreżentat mill-kustodji konġunti tiegħu Daniela Cachia (ID. 656458M) u Marina Ciarlo (ID. 772954M), Tessie Cassar (ID. 0727333M), Evelyn Psaila (ID. 0848436M), Edwina Cassar, ID 2533336M u Maria Rosa Gabaretta (ID. 829033M)**

**vs**

**Antonia Sciberras (K.I 596233M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Catherine *sive* Karen Bugeja noe ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti huma komproprjetarji f'ishma mhux ugwali tal-fond 80, triq l-Ifran, il-Belt Valletta (magħrufa bħala 'Mayfair House') konsistenti fi tmien (8) appartamenti, spazji komuni u kantina fi ħdan l-istess korp (minn issa l-quddiem "il-Fond 80") liema proprjeta' ġiet għandhom b'ereditajiet (ara rapport tan-Nutar Dottor David Joseph Borg anness u immarkat bħala Dok A). L-appartament numru ħamsa (5) (minn issa l-quddiem "l-Appartament") li jinsab f'dan il-Fond 80 huwa l-mertu tal-kawża odjerna, hekk kif ser jiġi spjegat fid-dettall f'dan ir-rikors ġuramentat;

2. Illi oriġinarjament il-Fond 80 kien ingħata b'titolu ta' kera mill-antenati tar-rikorrenti lill-General Workers Unlon (GWU) biex jintuża bħala uffiċju permezz ta' ftehim miktub datat 5 ta' Ottubru 1951;

3. Illi wara li l-GWU mxiet f'uffiċini oħrajn, hi ddepositat iċ-ċwievet tal-Fond 80 għand id-Dipartiment tal-Housing minflok għaddiet il-Fond 80 lura lis-sidien. Il-Gvern Malti dehrlu li għandu jirrekwiżizzjona t-tmien appartamenti tar-rikorrenti li jinsabu fil-Fond 80, inkluż l-Appartament, u ħareg Requisition Orders RO23830 (Kopja annessa u immarkata bħala Dok B) u RO36532 bis-saħħa tal-Att dwar id-Djar (Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta) fejn il-bini ġie snaturat mill-użu oriġinali tiegħu peress li qabel kien jintuża għal skop kummerċjali waqt li mbagħad ġie rekwisizzjonat għall-abitazzjoni;

4. Illi l-intimata ingħatat l-Appartament bis-saħħa ta' dawn l-Ordnijiet ta' Rekwiżizzjoni;

5. Illi r-rikorrenti u l-antenati tagħhom minn dejjem ħassew li dawn l-Ordnijiet ta' Rekwizzizzjoni saru b'mod abbusiv u inġusti fil-konfront tad-drittijiet tagħhom u għalhekk qatt ma rrikonoxxew jew aċċettaw li jieħdu l-kera;

*6.* Illi r-rikorrenti u l-preċedessuri fit-titolu tagħhom pproċedew b'kawża quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, (<u>rikors numru 5/16MH</u>) fl-ismijiet <u>Eric Borg et vs Chairman tal-Awtorita' tad-Djar et</u> li ġiet deċiża finalment mill-istess Qorti fis-<u>6 ta' Novembru 2020</u> (li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u immarkata bħala Dok Ċ) fejn saħqu li fiċ-ċirkustanzi li huma sabu ruħhom fihom kawża tal-Ordnijiet ta' Rekwiżizzjoni u l-konsegwenzi tagħhom, huma sofrew ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom bħala komproprjetarji tal-Fond 80 kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni. Infatti, huma talbu sabiex l-Onorabbli Qorti jogħġobha: (1) *tiddikjara li l-fatti hawn fuq imsemmija jikkostitwixxu, fil-konfront tar-rikorrenti, vjolazzjoni manifesta u kontinwa tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; (2) tiffissa kumpens xieraq għal tali vjolazzjoni al termini tal Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll ai termini tal-Artikolu 41 tal Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem stante l-fatt li r-rikorrenti baqghu dawn is-snin kollha (mis-sena 1973) minghajr il-pussess u t-tgawdija' tal-propjeta' tagħhom 80, Triq I-Ifran, il-Belt Valletta;*
*(3) tikkundanna lill-intimati jew minn minnhom sabiex iħallsu lir rikorrenti l-istess kumpens kif hekk likwidat minn din l-Onorabbli Qorti; (4) minghajr pregudizzju għat-talbiet precedenti, tagħti lir-rikorrenti dawk ir-rimedji li jidhrilha li huma xierqa fis-sitwazzjoni, inkluz li*

*jieħdu lura l-pussess tal-fond propjeta' taghhom 80, Triq l-ifran, il-Belt Valletta entro terminu qasir u perentorju li tistipula l-Qorti stess.*

7. Il-Qorti laqgħet l-ewwel talba tar-rikorrenti u sabet li fiċ-ċirkustanzi tal-każ ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u laqgħet ukoll il-bqija tat-talbiet tar-rikorrenti limitatament kif ġej:

a. Illikwidat is-somma ta' mitejn u ħamsin elf Ewro (€250,000) bħala kumpens għal-leżjoni sofferta mir-rikorrenti, liema somma ordnat li għandha titħallas mill-Awtorita' tad-Djar;

b. Ordnat lill-konjuġi Edward u Dorothy Galea, inkwilini tal-appartament numru tnejn (2) sabiex fi żmien massimu ta' sitt xhur jiżgumbraw l-effetti kollha tagħhom minn dan l-appartament u jirritornaw iċ-ċwievet lir-rikorrenti;

c. Ordnat li l-inkwilini tal-appartamenti numru tlieta (3) u erbgħa (4) m'għandhomx jibqgħu igawdu mill-protezzjoni tal-liġijiet speċjali tal-kera fir-rigward taż-żewġ appartamenti msemmija; u

d. Ordnat li l-inwkilini tal-appartamenti numri 1, 5, 6, 7 u 8 m'għandhomx jibqgħu igawdu mill-protezzjoni tal-Ordnijiet ta' Rekwiżizzjoni mertu ta' din il-kawża fir-rigward tal-appartamenti rispettivi tagħhom; (emfasi miżjuda)

8. Illi konsegwentement l-intimata Antonia Sciberras ma tistax tibqa' tgawdi l-okkupazzjoni msemmija tal-Appartament għaliex

din l-okkupazzjoni tivvjola d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti, kif ġie deċiż mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fis-sentenza surreferita;

9. Illi għalhekk hekk kif ġie deċiż mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali), l-intimata Antonia Sciberras ma tistax tibqa tistrieħ fuq il-protezzjoni offerta mill-Ordnijiet ta' Rekwisżizzjoni sabiex tibqa' tokkupa l-Appartament in kwistjoni;

10. Illi għalhekk bis-saħħa tas-sentenza hawn fuq ċitata l-intimata ma għandha ebda titolu validu fil-liġi sabiex tibqa tirrisjedi fl-Appartament għax it-titolu tagħha abbażi tal-Ordnijiet ta' rekwiżizzjoni ġie terminat permezz tal-istess sentenza;

11. Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li, sa fejn jafu huma, l-intimata m'għandiex eċċezzonijiet x'tagħti kontra t-talbiet taghhom u għalhekk jeżistu l-elementi kollha meħtieġa skont l-artikolu 167 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex din l-Onorabbli Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini ta' dan l-artikolu;

12. Illi huma jafu lilhom nfushom bil-fatti kif esposti u Lawrence Grech jikkonferma dan bil-ġurament tiegħu;

Għaldaqstant in vista tas-suespost, tgħid l-intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u għar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skont l-artikolu 167 tal-Kodiċi t'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata Antonia Sciberras ma tistax tibqa' fl-okkupazzjoni tal-appartament numru ħamsa (5) li jinsab numru 80, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta (magħrufa bħala 'Mayfair House') stante illi l-okkupazzjoni legali tagħha tal-appartament ġiet terminata minn din l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha permezz tas-sentenza tagħha datata 6 ta' Novembru 2020 (rikors numru 5/16MH) fl-ismijiet Eric Borg et vs Chairman tal-Awtorita tad-Djar et fejn iddikjarat li l-intimata m'għandiex tibqgħa tgawdi mill-protezzjoni tal-Ordnijiet ta' Rekwiżizzjoni u kull ġurnata in okkupazzjoni qed tikkawza danni lill-istess rikorrenti;

3. Tikkundanna lill-intimata Antonia Sciberras tiżgombra mill-appartament numru ħamsa (5) li jinsab ġewwwa numru 80, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta (magħrufa bħala 'Mayfair House') fi zmien qasir u perentorju li jiġi lilha iffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimata għas-subizzjoni, u b'riżerva għal azzjoni ta' danni kontra l-intimata Antonia Sciberras.

Illi stante li l-kawza odjerna giet originarjament presentata permezz tal-procedura tal-giljottina, jirrizulta li fis-22 ta' Gunju, 2021 giet prezentata nota ghan-nom tal-intimata Antonia Sciberras sabiex tiggustifika li *prima facie* kellha eccezzjonijiet xi tressaq. Rat li abbazi ta' din in-nota din il-Qorti fis-smigh ta' nhar it-23 ta' Gunju 2021 tat il-fakolta' lill-intimata sabiex tiprezenta risposta fi zmien ghoxrin jum b'dana li l-ewwel talba tar-rikorrenti sabiex il-kawza tinstema bil-procedura sommarja giet sorvolata u cioe' michuda.

Rat izda li l-intimata ma prezentatx risposta fit-terminu moghti lilha tant li fil-verbal tal-25 ta' Novembru, 2021 din il-Qorti ghaddiet sabiex tiddikjara lill-intimata Antonia Sciberras kontumaci.

Rat illi fil-verbal datat 22 ta' Marzu 2022 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni b'dan li gew imposti termini fuq il-partijiet ghall-prezentata tan-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi.

Rat li r-rikorrenti prezentaw nota ta' sottomissjonijiet nhar l-20 ta' Mejju, 2022. Rat izda li l-intimata kontumaci ma prezentat l-ebda sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkonsisti f'talba tar-rikorrenti fil-vesti ta' sidien tal-proprjeta' bl-indirizz appartament numru 5, 'Mayfair House', Old Bakery Street, Valletta ghall-izgumbrament tal-intimata residenti fl-istess appartament Antonia Sciberras. Ir-rikorrenti jibbazaw it-talbiet taghhom fuq il-premessa li huma s-sidien tal-fond u li originarjament dan il-fond kien jifforma parti minn blokka li kienet tintuza bhala lukanda mill-antekawza taghhom. Konsegwentement din giet mikrija lill-General Worker's Union sabiex tintuza bhala ufficini. Meta din il-krija spiccat isostnu li l-General Worker's Union ghaddiet ic-cwievet tal-fondi lill-Awtorita' tad-Djar flok lis-sidien. Fl-20 ta' Novembru, 1972 inharget ordni ta' rekwizizzjoni li affettwat ukoll l-appartament numru 5 u dan gie mikri mill-Awtorita' tad-Djar ghall-uzu residenzjali. Ir-rikorrenti jsostnu li huma qatt ma accettaw ebda

kirja tal-fond in kwistjoni u tal-bqija tal-blokka. Jinsistu wkoll li minn uzu kummercjali l-Awtorita' tad-Djar biddlet l-uzu tal-binja ghal wiehed residenzjali. Finalment isostnu li f'sentenza kostituzzjonali datata 6 ta' Novembru, 2020 din il-Qorti diversament preseduta f'decizjoni li nghatat ukoll fil-konfront tal-intimata odjerna, dik il-Qorti ddecidiet illi l-intimata Antonia Sciberras m'ghandiex tibqa tgawdi mill-protezzjoni moghtija lilha permezz tal-ordni ta' rekwizizzjoni u ghalhekk llum qed tokkupa l-fond minghand ebda titolu validu fil-ligi. In vista ta' dan ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti tordna l-izgumbrament tal-intimata Antonia Sciberras mill-fond.

Illi kif gia suespost l-intimata f'dawn l-atti hija kontumaci.

Rat ir-rapport dwar it-titolu tal-korp tal-bini numru tmenin (80), 'Mayfair House', Old Bakery Street, Valletta a fol 10 et seq tal-process, redatt minn Nutar David Joseph Borg, li jikkonferma li l-appartament numru 5 in kontestazzjoni fil-kaz odjern huwa fil-fatt proprjeta' tar-rikorrenti. Dan ir-rapport flimkien mad-dokumentazzjoni annessa li taghti bazi ghall-istess rapport bl-ebda mod ma gie kontradett fl-atti.

Rat partikolarment il-kopja tal-ordni ta' rekwizizzjoni tal-blokka kollha bl-isem ta' "Mayfair House" li jgib in-numru 2383 datat 20 ta' Novembru, 1972 a fol. 40 tal-process. Ir-rikorrenti stess jipsjegaw li "Mayfair House" tinkludi diversi appartamenti fosthom l-appartament numru 5 koncernat f'din il-kawza.

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fis-sede kostituzzjonali taghha datata 6 ta' Novembru, 2020 u li ggib in-numru 5/16 moghtija wkoll fil-konfront tal-intimata odjerna

Antonia Sciberras fejn apparti decizjoni dwar il-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fit-termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, gie deciz ukoll b'referenza ghall-appartament involut fil-kawza odjerna kif isegwi:

'(d) Tordna li l-inkwilini tal-appartamenti numri 1, 5, 6, 7 u 8 m'ghandhomx jibqghu igawdu mill-protezzjoni tal-Ordnijiet ta' rekwizizzjoni mertu ta' din il-kawza fir-rigward tal-appartamenti rispettivi taghhom.'

Rat l-affidavit tar-rikorrent Lawrence Grech a fol. 251 et seq tal-process li permezz tieghu prattikament ikkonferma dak kollu premess fir-rikors guramentat u cioe' li l-binja in kwistjoni hija proprjeta' tar-rikorrenti, li originarjament kienet tintuza bhala Lukanda, konsegwentement giet mikrija mill-antekawza tar-rikorrenti lill-General Worker's Union li meta ma baqghetx taghmel uzu minnha bhala ufficini ddepozitat ic-cwievet tal-fondi kollha mal-Awtorita' tad-Djar u mhux mas-sidien, li effettivament dawn il-fondi li kienu jintuzaw ghal skop kummercjali gew rekwizizzjonati u nghataw f'kirjiet residenzjali mill-Awtorita' tad-Djar u dan jinkludi l-appartament numru 5 koncernat fil-kaz odjern. Jirrizulta ghalhekk li anki l-uzu tal-proprjeta' nbidel minn dak kummercjali ghal wiehed residenzjali. Finalment jaghmel ukoll referenza ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fis-sede kostituzzjonali taghha fejn iddikjarat li l-inkwilin tal-appartament numru 5 fost ohrajn ma setghetx tibqa protetta taht l-ordni ta' rekwizizzjoni.

Rat a fol. 265 tal-process l-ittra interprellatorja datata 2 ta' Frar, 2021 indirizzata lill-intimata Antonia Sciberras li permezz taghha, wara referenza ghad-decizjoni kostituzzjonali, hija ntalbet sabiex fi zmien xahar tirritorna l-pussess tal-fond u c-cwievet lis-sidien. Rat ir-risposta tal-intimata ghall-istess ittra datata 4 ta' Marzu, 2021 fejn it-talba ghall-izgumbrament taghha giet kontestata.

Rat ix-xiehda ta' Andrew Xuereb in rapprezentanza tal-Awtorita' tad-Djar a fol. 307 tal-process. Dwar l-appartament numru 5 huwa jixhed li ma ghandu xejn fuqu 'jigifieri l-inkwilini qeghdin hemmhekk qed ihallsu l-kera u m'hemm xejn'.

**Ikkunsidrat ulterjoment:**

Illi kif gia suespost l-intimata hija kontumaci u ghalhekk legalment hija ma kkontestatx it-talbiet tar-rikorrenti wisq anqas prezentat xi tracca ta' prova fl-atti sabiex b'xi mod tikkontradixxi dak espost mir-rikorrenti u cioe' li llum il-gurnata hija qed tokkupa l-fond in kwistjoni minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Illi ghalkemm l-intimata hija kontumaci, ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom dahlu fid-dettal dwar il-pretensjoni tal-intimata mressqa fin-nota taghha (fuq imsemmija) li din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza 'rationae materiae'.

Illi mill-atti din il-Qorti rat li gie sufficjentement pruvat li nghatat decizjoni fil-konfront tal-intimata Antonia Sciberras liema decizjoni llum hija *res judicata* bejn il-partijiet fejn gie dikjarat skjettement illi bhala inkwilina tal-appartament numru 5 hija ma ghandhiex tibqa' tgawdi mill-protezzjoni tal-Ordnijiet ta' Rekwizizzjoni mertu tal-kaz odjern. Illi huwa ghalhekk car li anki

li kieku l-intimata kellha tirrikorri quddiem il-Bord tal-Kera, l-istess Bord ma jista' bl-ebda mod iserrah fuq din ir-rekwizizzjoni sabiex b'xi mod jivvalida l-inkwilinat tal-intimata altrimenti jkun qed imur kontra d-decizjoni 'res judicata' tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sede kostituzzjonali taghha. Illi kif sew esponew ir-rikorrenti huwa kompitu ta' din il-Qorti li tara li l-ordnijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jinghataw effett u wkoll hija din il-Qorti li ghandha gurisdizzjoni fuq talbiet ghal zgumbrament fejn ikun allegat li l-intimat m'ghandux titolu validu fil-ligi u mhux tal-Bord tal-Kera (li ghandu poteri ferm limitati) u ghalhekk din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mir-rikorrenti u tqis li ghandha kompetenza *rationae materiae* sabiex tiddeciedi din il-kwistjoni.

Illi fil-mertu jirrizulta li kwalunkwe titolu li l-intimata setghet tgawdi fuq il-fond in kwistjoni, dan it-titolu sa mid-decizjoni datata 6 ta' Novembru, 2020 gie rez ineffettiv fil-ligi b'dana li ma jistax jigi nvokat. L-intimata naqset milli tikkontesta l-kawza odjerna bi kwalunkwe mod w'ghalhekk wisq anqas ressqet xi prova dwar xi titolu iehor oltre dak dikjarat ineffettiv li tgawdi fuq il-fond odjern Isegwi allura li r-rikorrenti ssodisfaw sal-grad rikjest mil-ligi l-prova li l-intimata llum qed tokkupa l-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi u t-talbiet tar-rikorrenti konsegwentement jirrizultaw gustifikati.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' in parte it-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata Antonia Sciberras ma tistax tibqa' fl-okkupazzjoni tal-appartament numru hamsa (5) li jinsab numru 80, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta (magħrufa bhala 'Mayfair House') stante illi l-okkupazzjoni legali taghha tal-appartament giet terminata minn din il-Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha permezz tas-sentenza taghha datata 6 ta' Novembru 2020 (rikors numru 5/16MH) fl-ismijiet Eric Borg et vs Chairman tal-Awtorita` tad-Djar et fejn iddikjarat li l-intimata m'ghandiex tibqa' tgawdi mill-protezzjoni tal-Ordnijiet ta' Rekwiżizzjoni. Thalli impregudikata l-bqija tat-talba fejn qed jintalab li din il-Qorti tiddikjara li 'kull gurnata in okkupazzjoni qed tikkawza danni lill-istess rikorrenti' stante li fl-atti ma tressqu l-ebda provi dwar danni u wkoll ghaliex huma l-istess rikorrenti li rriservaw li din it-talba titressaq fil-konfront tal-intimata permezz ta' proceduri separati.

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-intimata Antonia Sciberras tizgombra mill-appartament numru ħamsa (5) li jinsab gewwa numru 80, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta (magħrufa bħala 'Mayfair House') fi zmien tlett (3) xhur mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-intimata u bir-riserva kif mitluba ghal azzjoni ta' danni kontra l-intimata Antonia Sciberras.

Fic-cirkustanzi tordna li r-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali jinnotifika din id-decizjoni lill-Awtorita' tad-Djar fil-mument li ssir *res judicata*.

Komunika: Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Ottubru 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Ottubru 2022**